# ĦAL KIRKOP

## U L-INĦAWI TA' MADWARU

IT-TIENI VOLUM

*Editur*
Horatio C.R. Vella

Kunsill Lokali Kilkop
2008

(2)

# Ħal Kirkop matul is-Seklu Tmintax: Ħarsa Analitika lejn Ġrajjietu

**Simon Mercieca***

## Introduzzjoni Istorjografika

Meta jsir l-analiżi ta' l-ibliet u l-irħula Maltin għas-snin l-imgħoddija, ħafna drabi l-punt tat-tluq ikunu studji barranin ta' kittieba ta' l-istorja stabbiliti, u fuq dak li dawn kitbu, l-istoriku lokali jibni dak li fl-Ingliż hu magħruf bħala "*framework*", biex jinkwadra fih il-kitba ta' l-aspett ta' l-istorja li dwaru jrid jikteb għall-ġrajja ta' pajjiżna.

L-użu ta' teoriji u kitbiet barranin, b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kitbiet ispirati mill-antropoloġija u soċjoloġija, wasslu biex taw dimensjoni ġdida lill-kitba ta' l-istorja tagħna. Dan hu tajjeb, għax tana ċ-ċans li naraw ġrajjiet artna b'mod u b'viżjoni differenti. Iżda wieħed irid iżomm dejjem quddiem għajnejh li l-kuntest lokali li dwaru qed issir il-kitba ta' l-istorja joffri aspetti partikulari li mhux bilfors jidħlu f'mudelli barranin. Aspetti partikulari ta' studji barranin li kellhom effet fuq il-ħsieb lokali jidher b'mod partikulari fejn il-ħajja fl-ibliet u fl-irħula tagħna bdiet tiġi mqabbla. Infatti, mil-mod ta' kif wieħed illum qed jikteb l-istorja tagħna, u jiddeskrivi l-qasam rurali, toħroġ ħafna l-influenza ta' l-antropoloġija u s-soċjoloġija, u kważi l-bżonn li tkun stabbilita l-eżistenza ta' kuntrasti ħalli tintwera d-differenza u tkun affermata l-eżistenza ta' żewġ dinjiet differenti.

Kitbiet li llum huma klassiċi għarrfu lill-pajjiżi u bliet Ewropej l-eżistenza ta' dinjiet differenti bejn dik rurali u dik urbana. Dan l-aspett ta' kitba ttieħed kważi verbatim u nsibuh jiġi addattat kważi b'mod indiskriminat għal pajjiżna. Kien hemm realtajiet differenti bejn dawk li jgħixu fl-ibliet minn

* *Dr. Simon Mercieca huwa lecturer fl-Istorja fl-Università ta' Malta u Direttur tal-*Mediterranean Institute *fi ħdan l-istess Università.*

dawk li kienu jgħixu fil-kampanja. Waqt li wieħed ma jistax ma jinnotax differenzi, wieħed irid jibda jistaqsi kemm dawn id-differenzi kienu sinifikanti għal pajjiżna. Dawn il-kittieba, bħal Jeremy Boissevain, jitilqu mill-premessa ta' pajjiżi kbar fil-kontinent Ewropew fejn id-differenzi ta' distanzi huma kbar, u allura l-ħolqien ta' entitajiet ewtoktoni huma faċli u d-differenzi bejn il-belt u r-raħal aktar evidenti. Tant kemm huma evidenti, li saħansitra d-differenzi bejn belt u oħra fl-istess pajjiż jistgħu jkunu kbar, u differenzi li jeżistu bejn il-belt kapitali u l-ibliet l-oħrajn huma apparenti anke għall-għajn mhix esperta.

Imma kemm minn dan kollu jista' jgħodd għal Malta? L-istudju tar-raħal żgħir ta' Ħal Kirkop joffri sors ta' analiżi interessanti għal dan il-kuntest globali. F'termini ta' popolazzjoni, Ħal Kirkop kien wieħed mill-iżgħar irħula ta' pajjiżna. Dan l-aspett partikulari tiegħu ġie magħruf fil-passat għax ġa ġie użat bħala laboratorju ta' studju antropoloġiku u soċjali, kif wrejt qabel. Iċ-ċokon għandu l-valur tiegħu f'dinja akkademika.

Mill-att storiku, il-mixja ta' pajjiżna lejn stat-nazzjon wassal għall-identifikazzjoni ta' numru ta' oqsma kulturali, politiċi u soċjali li għamlu minn Malta entità differenti minn oħrajn qrib tagħha, b'poplu li għandu valuri komuni, bi ħsieb komuni. Anke jekk f'dan il-ħsieb ikun hemm mentalitajiet differenti, wieħed jagħraf identità partikulari b'aspetti differenti mill-ġirien tagħha. Biss, wieħed jerġa' jistaqsi jekk din ir-realtà Maltija tistax taddotta wkoll l-eżistenza ta' mentalitajiet differenti bejn in-nies tal-kampanja f'Malta minn dawk ta' l-ibliet. Kemm kienu differenti l-mentalitajiet tal-bdiewa u l-ħaddiema ta' l-id tal-kampanja minn dawk ta' nies oħra, li fuq il-livell finanzjarju kienu jidħlu fil-klassi tal-bdiewa, iġifieri, il-foqra u l-ħaddiema ta' l-id li kienu jgħixu fl-ibliet?

L-istudjużi tas-seklu sbatax u tmintax ġa kienu bdew ifittxu għad-differenzi bejn il-belt u l-kampanja u bejn in-nies tal-kampanja nfushom. Huma identifikaw aspetti differenti bejn in-nies tal-belt u l-kampanja f'dak li hu lbies, kostumi, ħsibijiet u anke prattiċi reliġjużi. Meta fittxew għal differenzi bejn in-nies tal-kampanja nfushom ġo Malta, ma tantx ġew elevati differenzi kbar; u ġa fis-seklu tmintax, l-ikbar differenza fi ħdan il-kampanja kienet bejn kif kienu jilbsu r-rustiċi jew il-bdiewa ta' Malta minn dawk ta' Għawdex. Imbagħad, id-differenza bejn l-ibliet u l-kampanja kienet bejn il-bdiewa u l-burġeżi, jew *middle class*, ta' l-ibliet. Biss, jekk wieħed kellu jqabbel fil-każ ta' Malta burġeż li kien jgħix fil-kampanja, kien ser isib kopji tiegħu anke ġewwa l-ibliet.

Fi kliem iehor, fit-tqabbil li kien qed isir, aktar kienet qed tkun imqabbla għall-każ ta' Malta klassi ta' nies bi dħul finanzjaru differenti, u kull waħda minn dawn il-klassijiet kienet qed tkun anke stereotipata, iġifieri, in-nies ta' l-ibliet kienu dejjem identifikati bħala nies nobbli u burġeżi, waqt li dawk tal-kampanja bħala foqra u bdiewa, mingħajr ebda referenza li fil-kampanja kien hemm xi ftit burġeżi wkoll. M'hemmx dubju li, fl-ibliet, il-konċentrazzjoni ta' nobbli u burġesi kienet kbira u aktar importanti – f'terminu ta' persentaġġi mal-bqija tal-popolazzjoni, iżda ma hemmx dubju wkoll li l-burġeżi u nobbli kienu jgħammru fil-kampanja waqt li nies foqra ta' l-istess kalibru tal-bdiewa, u bl-istess mentalità tagħhom, kienu jgħixu fl-ibliet, u dawn in-nies kienu – bħalma kien il-każ fil-kampanja – fil-maġġoranza tal-popolazzjoni tan-nies tal-belt.

Għalhekk, kemm setgħet kienet kbira d-differenza bejn l-ibliet Maltin u n-nies li qed jgħixu fl-irħula ta' pajjiżna hija waħda suġġetta għal dibattitu u studju. Aspetti ta' studju minn dinja rurali ta' Ħal Kirkop jistgħu jgħinu biex wieħed janalizza dan il-fatt għall-inqas f'dak li għandu x'jaqsam mas-seklu tmintax.

## Il-Popolazzjoni ta' Ħal Kirkop

Matul dan il-perjodu, Ħal Kirkop kien raħal żgħir ħafna, b'popolazzjoni li twassal dejjem għal madwar 270 ruħ. Jekk wieħed jara listi nominattivi bħalma huma l-i*Status Animarum* għal din il-parroċċa, iġifieri, listi tan-nies kollha li kienu jsiru mill-Knisja ta' l-abitanti ta' parroċċa, ma kienx hemm xi żviluppi kbar fit-terminu ta' popolazzjoni. Fil-bidu tas-seklu tmintax kellek madwar 268 jgħixu ġo Ħal Kirkop. Fl-aħħar tas-seklu kellek 270.[1] Għalhekk, dan ir-raħal ma rax żidied fil-popolazzjoni tiegħu. F'soċjetà fejn kienet qed tkun prattikata attività tat-tnissil li ma kinitx ikkontrollata, ifisser li jew kien hemm mortalità għolja, jew kellha numru ta' żgħażagħ li kienu qed iħallu r-raħal u jemigraw lejn l-ibliet. It-tieni punt jispjega fl-opinjoni tiegħi dan il-fatt, u dan ikompli jikkonferma għaliex anke dan ir-raħal, li kien abitat b'daqshekk ftit nies, kien irnexxilu jibni knisja li fiċ-ċokon tagħha kienet tħabbatha anke ma' knejjes li kont issib fl-ibliet. Il-migrazzjoni kienet qed tgħin biex ikun hemm dak li fid-demografija jissejjaħ "bdil kulturali (*cultural exchanges*)", tant li qed iwassal anke għall-formazzjoni ta' ideat ġodda,

[1] S. Fiorini (1983), *Appendix tables*, 345.

iġifieri, il-kunċetti ta' ċentru u periferija f'dik li hi kultura mhix xi ħaġa kategorika, iġifieri, l-idea ta' kultura għolja u oħra hija dak li bl-Ingliż jissejjaħ "*a cultural construct*".

Ċertament, dan il-fatt li f'dan ir-raħal kien jgħix numru żgħir ta' nies għandu r-riskju tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istudju ta' popolazzjoni. Aktar ma l-parroċċa tkun żgħira, aktar hemm riskju li l-movimenti u x-xaqlibiet li wieħed josserva fi ħdan komunitajiet kbar jiġu studjati b'mod xjentifiku f'parroċċi żgħar. Dan għaliex l-iċken movimenti f'parroċċa żgħira jistgħu jipproduċu dak li jissejħu "*hazardous results*". Dan hu mfisser, skond id-demografu Franċiż Louis Henri, li wieħed irid joqgħod attent ħafna kif jinterpreta r-riżultati. Fuq kollox, wieħed irid iħares lejn l-istorja lokali u tal-pajjiż għal dawk il-ġrajjiet partikulari li jistgħu jispjegaw ix-xaqlibiet fir-riżultati dwar il-popolazzjoni, bħalma huma epidemiji, ġuħ, gwerer u ġrajjiet kastastrofiċi oħra.[2] Huma a bażi ta' nuqqas ta' għarfien ta' dawn il-kundizzjonijiet lokali għal Malta li ħafna drabi jwasslu għal konklużjonijiet erratiċi dwar l-istorja ta' pajjiżna.

In-nies ta' Ħal Kirkop lanqas ma kienu stabbli daqs kemm wieħed forsi jaħseb u jassoċja ma' realtajiet rurali barranin. Bħalma kien jiġri f'ibliet u rħula oħra Maltin, nies minn dan ir-raħal kienu qed jiżżewġu ma' nies minn barra r-raħal. Il-viċinanzi ġeografiċi kellhom effett, għax ħafna drabi s-sieħeb kien ikun minn raħal tal-qrib, u b'mod partikulari mir-raħal kbir taż-Żurrieq. Biss, lanqas kull familja li żżewġet minn Ħal Kirkop ma baqgħet fir-raħal. Familji mxew. Hemm min mexa b'mod permanenti, oħrajn imxew għal xi żmien qasir barra r-raħal, fejn kien ikollhom anke xi tarbija, u wara jerġgħu jiġu lura f'dan ir-raħal. Għalhekk, familji minn dan ir-raħal kienu jimxu. Xi wħud marru anke joqogħdu fl-ibliet.

## Il-Professjonijiet tal-Koppin

Jekk wieħed iħares lejn il-professjonijiet tan-nies ta' dan ir-raħal, wieħed isib ukoll li d-dinja agrikola ma kinitx l-uniku riżorsa finanzjarja għall-familji ta' dan il-post. L-irħula tal-qrib, bħal, ngħidu aħna, Ħal Luqa, jitkellmu dwar attività partikulari li l-bdiewa tal-post kienu jiżvolġu, iġifieri, dik relatata mal-kultivazzjoni tal-qoton. L-istess realtà tinstab f'Ħal Kirkop. Il-qoton kien

[2] L. Henry (1967), 101.

jokkupa parti importanti tal-ħajja agrikula. Dan il-fatt tal-qoton juri b'mod intrinsiku relazzjoni mal-belt, għaliex il-qoton kien jitkabbar għal żewġ raġunijiet primarji, it-tnejn relatati ma' l-ibliet: dik ta' l-esportazzjoni, u l-oħra relatata ma' l-industrija tal-baħar. Kull esportazzjoni f'Malta kienet prattikament tgħaddi minn ġol-belt. Fid-dinja tal-baħar, il-qoton Malti kien jintuża biex jiġi magħmul il-qlugħ tax-xwieni u l-galeri, u dan kien ifisser li kien ukoll destinat li jispiċċa ġewwa l-ibliet ta' pajjiżna.

Skond l-i*Status Animarum* ta' Ħal Kirkop, insibu professjonijiet oħra bħalma kienu naġġara u nies li jaħdmu fil-barrieri, attività ekonomika li kienet tara l-għixien tal-ħaddiema tagħha fix-xogħlijiet li kienu jiġu prodotti fl-ibliet. Ċertament li d-distanzi qosra li jeżistu f'Malta, in partikulari n-naħa l-isfel, kienu jagħmlu minn Ħal Kirkop raħal li kien prattikament f'distanzi raġġjonevoli viċin il-belt, u lin-nies ta' dan ir-raħal setgħu jilħqu dan il-post, u jmorru lura lejn djarhom wara li jkunu għamlu l-qadjiet tagħhom matul l-istess jum. Impieg ieħor li juri konnessjoni ma' l-ibliet, imsemmi fl-i*Status Animarum* ta' l-1681, hu dak ta' merċenarju, iġifieri, nies li kienu qed jaħdmu ta' suldati bl-imqieta'. Dawn is-suldati kienu marbuta ma' dik li tissejjaħ "l-infanterija" jew, aħjar, ma' xogħol konness fuq l-art. Kien hemm grupp ta' suldati oħra, msejħa "*milites triremium*", li kienu jaħdmu fuq il-galeri.

Oħrajn kienu msejħa "*ruri incumbentes*",[3] jew bdiewa. Il-barrieri tal-qrib ħolqu xogħlijiet għall-irġiel tar-raħal kemm fil-qtugħ, il-ħdiem, kif ukoll fil-ġarr tal-ġebel. Kellu wkoll ċetu żgħir ta' nies relatati mas-sengħa agrikula jew mal-bini, bħalma kien it-taħħan (*macinator frumenti*), gabillott (*ortulanus*), ħaddiema fil-sengħa tal-bini (*faber caementarii*, li kienet il-kelma użata mil-Latin imwaħħar għal "bennej"), l-isbizza (*contestabilis*), il-bejgħ tal-merċa (*mercator hostigias* {*sic*}), waqt li persuna minn dan ir-raħal fl-aħħar tas-seklu sbatax kellha x-xogħol ta' sagristan fil-Monasterju ta' Sant' Ursula fil-Birgu.

## Il-Ġeografija tar-Raħal

Jekk wieħed iħares lejn l-istruttura ta' dan ir-raħal, isib li l-ġeografija tiegħu, bħal kull raħal ieħor, kienet ikkontrollata mit-territorju tal-madwar biex b'hekk kienet tinħoloq xibka ta' komunikazzjoni permezz ta' toroq li jqegħdu

[3] A(rchivum) A(rchiepiscopale) M(elitense) *Status animarum*, Box 1A, Kirkop (1686), f. 7.

lil Ħal Kirkop bħala fulkrum ta' żona li madwaru hemm numru ta' irħula oħra. Dan il-mudell jerġa' jiġi repetut u kull raħal tal-madwar jerġa' jistabbilixxi ruħu bħala fulkrum taż-żona tiegħu. Hekk, f'Ħal Kirkop, insibu toroq li jagħtu għall-inħawi kollha abitati, bħalma hi t-triq li tagħti għar-raħal ġarr ta' Ħal Safi, triq oħra li tieħu għar-raħal ta' l-Imqabba, u oħra li tagħti għar-raħal taż-Żurrieq. Toroq oħra kienu jagħtu għall-irħula tal-viċin, iġifieri, l-Gudja u Ħal Luqa. Kien hemm ukoll triq oħra li tieħu lejn il-Belt. F'dawn it-toroq kollha kont issib djar jew irziezet mxerrdin li fihom kienu jgħammru familji Koppin.

Min-naħa l-oħra, jekk wieħed iħares lejn il-qalba tar-raħal, isib fiha żewġ mudelli li huma dominanti u li jirriflettu l-iżviluppi li seħħew matul is-sekli passati, iġifieri, dawk ta' toroq dojoq imserrpa kif ukoll dawk bi sqaqien fihom. Fl-istess waqt, il-ftit toroq kienu jwasslu għal żewġ żoni prinċipali li f'Ħal Kirkop kienu jinsabu ħdejn xulxin, iġifieri, il-fetħa fil-qalba tar-raħal u l-Knisja Parrokkjali tal-lokal. Fil-każ ta' Ħal Kirkop, ma hux ċar liema minn dawn it-tnejn żviluppaw l-ewwel, iġifieri, jekk kinitx il-Knisja Parrokkjali li nbniet fil-fetħa li kien hemm u allura l-fetħa saret qabel, jew jekk il-knisja nbnietx fit-tarf ta' konglomerazzjoni ta' bini, u allura nħolqot fetħa u wara baqa' tiela' il-bini madwarha u anke warajha. Fil-każ ta' Ħal Kirkop, din il-fetħa kienet tinsab fuq il-ġenb tal-knisja u kienet magħrufa min-nies, jew għallinqas mill-Kappillan li jsemmiha fl-aħħar tas-seklu sbatax bħala "*platea*". Il-*viae*, jew toroq, li jissemmew fil-qalba tar-raħal kienu jitilqu kollha minn mad-dawra tal-Knisja Parrokkjali.

Hekk, ġa kien hemm triq prinċipali tar-raħal, li kienet magħrufa b'isem li s-soltu hu assoċjat ma' l-ibliet, jew *via reale*.[4] Din it-triq kienet tinsab quddiem il-bieb prinċipali tal-knisja. F'din it-triq kienet tinsab ukoll id-dar (u kif għadha) tal-Kappillan. Fil-ġnub tal-knisja kien hemm toroq oħra. Infatti, il-knisja kienet ġa maqtugħa mill-bini fuq iż-żewġt iġnub tagħha. Imbagħad, kien hemm djar fuq wara tal-knisja jmissu mal-kor minn wara. Triq oħra importanti kienet dik li fiha kienet tinsab il-knisja msejħa "ta' Santa Marija ta' Pinu".[5] L-isem l-ieħor li biha kienet ukoll magħrufa kien dak ta' "l-Assunta". Din kienet t-tieni l-aktar triq abitata f'Ħal Kirkop wara *Strada Reali*. Triq oħra ta' ċerta importanza kienet dik magħrufa bħala tal-kanonitakat "Ta' Bio Isighir".

[4] A.A.M. *Status animarum*, Box 3, Kirkop (1694), f. 3v.

[5] Imma ara H.C.R. Vella (2000), 126, n.7, li wera li din il-knisja kienet fi sqaq, u mhux fi triq.

Bħal kull raħal ieħor, kont ukoll issib numru ta' sqaqien. Kien hemm sqaq li jagħti għal fuq il-*platea*, jew fetħa. Sqaq ieħor kien fit-triq ta' quddiem il-bieb iż-żgħir tal-ġenb tal-knisja. Sqaqien oħra kienu f'toroq oħra tal-raħal, bħalma kienet it-triq tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Pinu. Barra minn hekk, kien hemm numru ta' irziezet imferrxa ma' l-arja kollha tal-raħal li kont tasal għalihom minn sqaqien jew mogħdijiet qalb ir-raba'.

Din l-importanza morfoloġika li l-Kappillan jibda jattribwixxi lit-toroq ta' Ħal Kirkop issib spazju ikbar fil-mapep ta' Malta ppubblikati barra minn xtutna. Fis-seklu sittax, mhux il-mapep kollha ta' Malta jagħmlu referenza diretta għal dan ir-raħal. Hekk, ngħidu aħna, Jean Quintin, magħruf ukoll bħala "Quintinus", ma jiffigurahx.[6] Iżda dan ir-raħal jibda jidher f'mapep tas-seklu sbatax u wisq aktar f'dawk tas-seklu tmintax. Hawn ser inġib żewġ eżempji minn ħafna li wieħed jista' jitkellem dwarhom.

Hekk in-*Nouvelle Carte De l'Isle De Malthe*, iddedikata għall-Kavalier d'Orleans u ppubblikata fi Franza fl-1712, tagħti lil Ħal Kirkop b'ismu u turih f'konglomerazzjoni ta' bini ddominat mill-Knisja Parrokkjali fiċ-ċentru tar-raħal. L-istess attenzjoni tingħata minn Emanuel Bowen fil-mappa msejħa "*Accurate Map of the Islands of Malta, Gozo and Cumino*" u ppubblikata f'Londra fl-1752.

## Il-Knisja ta' San Leonardu

Dawn l-evidenzi kollha juru li l-istruttura tal-Knisja kienet waħda dominanti u preżenti fuq it-territorju Malti f'kull fejn kien hemm konglomerazzjoni ċkejkna ta' nies. Din l-istruttura tant dominanti wasslet għal min akkuza lill-istess Knisja b'indħil żejjed fil-qasam soċjali u kulturali. Indħil żejjed kien hemm. Iżda kien hemm ukoll ħafna affarijiet pożittivi, u din il-preżenza qawwija kienet ukoll riżultat ta' żviluppi importanti fil-kamp kulturali u soċjali li seħħew l-ewwel fi ħdan il-Knisja, u mbagħad tkomplew iseħħu f'Malta matul l-epoka moderna kollha. Dan it-tibdil jibda mal-Konċilju ta' Trentu, li spiċċa fl-1563. Dan il-Konċilju xtaq li jomoġenizza d-dinja Kattolika Rumana f'dak li għandu x'jaqsam ma' manifestazzjonijiet pubbliċi. Fi kliem ieħor, dan il-Konċilju pprova joħloq kultura globalizzata u uniformi fil-Knisja, li f'termini prattiċi fissru li kull knisja jew tempju ddedikat lill-

[6] Ara l-mappa tiegħu f'H.C.R. Vella ed. (1980), iv.




Mappa tas-seklu tmintax (G. Abela-Ciantar, *Malta illustrata*. Malta, 1772-1780).




Mappa tas-seklu dsatax (L. De Boisgelin, *Ancient and modern Malta*. Londra, 1805).

kult Kattoliku Ruman, kemm jekk kien jinsab ġo raħal, u kemm jekk kien fil-belt, kellu jkollu strutturi komuni għaċ-ċelebrazzjoni ta' riti reliġjużi.[7] F'Malta dan fisser li kemm fl-irħula kif ukoll fl-ibliet bdew jinbnew knejjes imdaqqsa. F'dawk il-parroċċi li kellhom knejjes żgħar, raw kif kabbruhom ħalli jilħqu d-daqs ta' katidral. Min ma kellux popolazzjoni kbira ħafna li setgħet taffordja knisja kbira, bħalma kien il-każ ta' Ħal Kirkop, xorta għamel sforzi kbar biex ikabbar il-knisja tiegħu u jagħnija b'oġġetti ta' arti u affarijiet prezzjużi. Infatti, il-Knisja ta' Ħal Kirkop għaddiet minn tibdiliet strutturali matul is-snin, u l-Koppin stinkaw biex it-tempju żgħir tagħhom ikun, f'dawk li huma bżonnijiet u tiżjin, bħal tempji oħra li wieħed kien isib fl-ibliet, iġifieri, ħadmu biex ikollhom katidral f'minjatura.

Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop hi mibnija b'forma ta' salib Latin u għandha tlett bibien. Din l-istruttura tiżviluppa fis-seklu tmintax. Matul dan iż-żmien, il-knisja jkollha l-bieb prinċipali, ieħor minuri fil-ġenb u daħla oħra permezz ta' bieb iċken. Kien hemm ukoll żewġ knejjes żgħar oħra fil-qalba tar-raħal. L-ewwel waħda kienet dik ta' Santa Marija msejħa bħala "ta' Pinu", u oħra msejħa għal Santa Anastasja. Kien hemm ukoll oħra ddedikata lil San Nikola li kienet tinsab fil-periferija ta' l-istess raħal.

Waqt li l-kult lejn San Leonardu f'din il-parroċċa jmur lura għal qabel il-miġja tal-Kavallieri f'Malta, u probabbilment hu assoċjat mal-preżenza monastika ta' rħieb Biżantini jew Griegi f'pajjiżna, ma hemmx dubju li l-miġja tal-Kavallieri għenet it-tixrid tad-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Kif juru d-dokumentazzjonijiet tal-Knisja fir-rigward ta' din il-parroċċa, il-kult lejh kiber ħafna matul is-seklu sbatax u speċjalment matul dak ta' wara. Infatti, aspett importanti fid-devozzjoni lejn dan il-qaddis kien il-fatt li hu kien il-protettur ta' l-iskjavi. Kien wieħed minn dawk il-qaddisin li lejh kienu jitolbu missirijietna, meta xi ħadd mill-familja tagħhom kien jispiċċa skjav tal-Mislem.

Qed nitkellmu fuq raħal żgħir ġo nofs il-kampanja n-naħa tal-lbiċ ta' Malta bi ftit nies. Għalhekk tista' tidher diffiċli l-assoċjazzjoni ta' dan ir-raħal fil-kampanja ma' attività bħal dik ta' l-iskjavitù li kienet prodott ta' attività marittima mħaddma fl-ibliet. Anke Ħal Kirkop, fiċ-ċokon tiegħu, kellu membri fi ħdanu li kienu jaħdmu fuq il-baħar, u kien hemm saħansitra minnhom li waqgħu fil-jasar.

[7] Fuq l-effet tal-Konċilju ta' Trentu fuq il-knejjes, ara wkoll D. Delucca, *L-arkitettura ta' ġewwa u ta' barra tal-knejjes ta' Ħal kirkop*, iktar 'l isfel.

## Individwi Ġġustizzjati

Ħal Kirkop lanqas ma kien nieqes minn nies li ħabbtu difrejhom mal-Ġustizzja u għalhekk ġew ikkundannati għar-reati li għamlu. Fl-1619, ċertu Marjuzu Felice kien deskritt bħala "buonavoglia", iġifieri, persuna li tkun għamlet reat, li ħafna drabi kien ikun gravi, u li tagħżel hi stess li tinkiteb bħala qaddief fuq ix-xini qabel ma kienet tkun maqbuda mill-isbirri jew il-pulizija ta' dak iż-żmien. B'hekk kienet tiffranka li tiġi pproċessata fil-Qorti bil-konsegwenza li tkun tista' teħel piena agħar. Hawn wieħed irid jiftakar li matul il-perjodu tal-Kavallieri, il-ħabs ma kienx il-prattika tal-kundanna. Ħafna min-nies li jkunu nstabu ħatja ma kinux jintbagħtu l-ħabs, iżda, minflok, kienu jintbagħtu bħala qaddiefa fuq ix-xwieni.

Il-waqa' fl-iskjavitù, jew inkella t-telfien tar-raġel b'mewt, jew għax jispiċċa qaddief sfurzat jew *galeazzo*, kienet tfisser tbatija għall-familja, speċjalment għall-mara tiegħu. L-istess jista' jingħad għal xi mara li tkun iżżewġet xi barrani u dan ifettillu jitlaqha, jaħrab minn pajjiżna u ma jiġix lura. F'Ħal Kirkop, f'dan il-perjodu bikri ta' l-istorja tiegħu, kellek nisa li żżewġu barranin. Xi wħud ingidmu bir-riżultat li mhux l-ewwel darba li l-mara, biex tlaħħaq mal-ħajja, tibda tgħix stil ta' ħajja li tidher skandaluża għan-nies tal-post, għax tibda tgħix ma' raġel li mhux tagħha.[8] Għan-nies ta' dan iż-żmien, dawn kienu kkunsidrati bħala "*pubbliche meritrici*".[9]

Hekk ukoll, mhux kull żwieġ li seħħ f'din il-komunità żgħira irnexxa. Matul is-sena 1619, kien hemm tliet familji, fuq ammont ta' 350 persuna,[10] li r-

[8] A.A.M. *Relationes parochorum*, Chercop, no. 6.

[9] A.A.M. *Relationes parochorum*, Chercop, no. 6. F'relazzjoni magħmula mill-Kappillan Dun Duminku Farrugia, fl-1619, insibu li Margerita, il-mara ta' Marjuzu Felice, li kien *buonavoglia* fuq ix-xwieni, u Antonja, it-tifla tagħha, li kienet il-mara ta' Demetriju Agnioti, ta' nazzjonalità Griega, u li dak iż-żmien kien jinsab barra mid-Djoċesi Maltija, kienu qed jgħixu ħajja ta' skandlu fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop. Kienu *pubbliche meretrici*. Fl-istess relazzjoni, Marija, il-mara ta' Ġwanni Marija Agius, kienet deskritta bħala li qed tgħix separata mir-raġel, u li kienet qed tgħix fid-dar tagħha ġo Ħal Kirkop. F'relazzjoni oħra li kienet magħmula mill-istess kappillan, insibu għal darba oħra referenza għal Margerita, il-mara ta' Marjuzu Felice, *buonavoglia*, u Antonja, it-tifla tagħha, minħabba li kienu qed jgħixu ħajja ta' skandlu. Din id-darba, kunjom żewġha kien mogħti bħala Demetriju Fanniot. Ġwanni Marija Agius kien ġie deskritt li kien qed jgħix separatament mill-mara tiegħu Marija. Hu kien qed jgħix iż-Żurrieq, waqt li l-mara kienet baqgħet tgħix f'Ħal Kirkop. L-istess kien ingħad għal Marju Calleja li kien qed jgħix separat minn Marija, il-mara tiegħu, u ħalla r-raħal biex jgħammar fil-Parroċċa taż-Żurrieq.

[10] Iċ-ċensimenti li kienu saru fl-1615 u fl-1617 jagħtu l-popolazzjoni ta' Ħal Kirkop bħala ta' 334 u 357 rispettivament. Ara J. Testa (1980), 214-215.

raġel u l-mara kienu qed jgħixu separati. Meta raġel ma kienx minn Ħal Kirkop, kien iħalli d-dar tal-mara u jerġa' jmur jgħix ma' niesu fir-raħal tiegħu. Ma hemmx għalfejn wieħed jgħid, li dawn il-każijiet baqgħu jirrepetu ruħhom fis-snin u s-sekli ta' wara. Biss, dawn kienu wkoll sitwazzjonijiet li anke f'dan il-perjodu kien hemm sens ta' ċertu aċċettazzjoni u rassenjazzjoni fil-komunità u kkunsidrati bħala parti mill-ħajja tal-bniedem.

## Qwiebel

Ħal Kirkop kellu wkoll is-servizzi soċjali tiegħu. L-aktar servizz importanti offrut barra mill-isfera reliġjuża kien dak tal-qabla. Hekk, fl-1727, il-qabla ta' Ħal Kirkop kienet Evanġelista, il-mara ta' Alessju Bianco.[11] Fil-1783, tissemma Flaminja Grima, il-mara ta' Mattew Grima, bħala l-qabla.[12] Is-servizzi soċjali l-oħra kienu jkunu offruti permezz ta' strutturi reliġjużi, b'mod partikulari mill-konfraternitajiet.

## Investimenti Finanzjarji

Anke f'dak li għandu x'jaqsam mad-dinja eklezjastika, fiċ-ċokon tiegħu, Ħal Kirkop isegwi dak li kien qed jiġri f'parroċċi ħafna ikbar minnu, bid-differenza li fil-każ ta' Ħal Kirkop, għax kien raħal żgħir, in-numru ta' inizzjattivi kienu ferm inqas.

Fiċ-ċokon tagħha, il-Knisja ta' Ħal Kirkop kienet ukoll tagħmel l-investimenti finanzjarji billi tixtri l-*bonds* ta' dak iż-żmien, li kienu jinbiegħu minn Ruma u kienu magħrufin bħala *partite bullale*. Ġa fil-bidu tas-seklu sbatax, il-Knisja ta' Ħal Kirkop kienet daħlet għal dan it-tip ta' investiment. Insibu li fiż-żewġ rapporti li għamel il-Kappillan Duminku Farrugia, li jkopru l-perjodi li jmorru lura madwar is-sena 1619, "il-kapital *delle partite bullale*" kien deskritt bħala amministrat tajjeb mill-prokuraturi tal-Knisja. Anke l-ġbir kien wieħed sodisfaċenti. Dan il-ġbir kien anke deskritt li jsir b'mod serju mill-prokuraturi. Il-Knisja kellha ġa numru ta' legati u doveri lejn il-komunità parrokkjali. Dawn il-legati u d-doveri kienu jġibu magħhom obbligi, li dawn ukoll kienu qed ikunu mwettqa tajjeb. Dawn it-tipi ta'

[11] A.A.M. *Visit(atio) Past(oralis)* 33, f.897.

[12] A.A.M. *Visit. Past.* 40, f.178.

investimenti, kif ser nuri aktar 'il quddiem f'dan l-istess Kapitlu, komplew jikbru matul is-seklu ta' wara.

Min-naħa tagħha, il-ġemgħa ta' fidili ta' din il-parroċċa kienu jirrikonoxxu fid-dinja tagħhom l-importanza tal-Knisja u l-bżonn tal-fidi. Skond l-istess Kappillan Farrugia, in-nies kienu jirrikorru bi ħġarhom għas-sagramenti u l-uffiċċji divini. Il-qassisin u l-patentati tal-Knisja, jew Kjeriċi, u dawk kollha li kienu jġibu t-tonsura, li kienet simbolu biex juru li kienu membri fl-amministrazzjoni tal-Djoċesi, kienu jġibu ruħhom kif id-dover kien jitlob minnhom.[13]

L-istess jista' jingħad għall-introduzzjoni tal-konfraternitajiet f'din l-istess knisja li jseħħu fl-istess perjodu meta dawn l-entitajiet kienu qed jiġu introdotti ġewwa l-ibliet. Infatti, il-konfraternitajiet f'Ħal Kirkop imorru lura għas-snin tal-bidu tas-seklu sbatax. Kien f'dan iż-żmien li f'Ħal Kirkop twaqqfu żewġ konfraternitajiet: waħda tar-Rużarju, u l-oħra tas-Sagrament. Din ta' l-aħħar ma kinitx magħrufa bħala konfraternità, iżda kienet iġġib l-isem ta' "*Veneranda Lampada*", iġifieri, l-istituzzjoni fil-parroċċa li kellha l-obbligu li tieħu ħsieb is-Sagrament u l-bżonnijiet tal-knisja. Dan l-uffiċċju sar aktar 'il quddiem magħruf f'ċerti parroċċi ġewwa Malta bħala "l-Konfraternità tas-Sagrament". Din l-istituzzjoni tal-*Veneranda Lampada* kienet tinsab kważi f'kull parroċċa f'Malta. Aktar 'il quddiem, twaqqfet f'Ħal Kirkop is-Sodalità ta' l-Agunija. Din kienet ukoll konfraternità iżda, kif jiġri dejjem, biż-żmien jiddaħħlu termini ġodda u modi ġodda biex ikunu espressi l-istess ħsibijiet.

Dawn l-entitajiet kollha kienu obbligati jżommu l-kotba ta' l-kontijiet tagħhom, u l-istess kotba jew kopji tagħhom kienu, fl-aħħar tas-sena, jew fi tmiem terminu tas-snin, jintbagħtu 'l-Kurja ta' l-Isqof għall-verifika. Il-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, bħall-bqija tal-parroċċi kollha ta' Malta, kemm ta' l-irħula u kemm dawk ta' l-ibliet, kienet tibgħat il-kontijiet ta' l-entitajiet ekleżjastiċi tagħha lill-Kurja għall-verifika. Hemm kienu jiġu analizzati kontra frodi u abbużi oħra.

Fost ir-reġistri li nsibu merfugħa fil-Kurja ta' l-Isqof, il-Furjana, li jappartjenu għal Ħal Kirkop, insibu volumi tar-rendikont finanzjarju tal-*Veneranda Lampada* għas-snin 1723-1728, 1729-1730, 1733, 1736-1737, 1746, 1747, 1752, u 1754-1755.

[13] A.A.M. *Relationes parochorum*, Chercop, 6.

Fl-istess serje, imsejħa "*Conti*", fejn jinsabu dawn il-volumi, hemm dawk tal-Konfraternità ta' l-Agunija għas-snin 1733, 1738, 1740, 1743-1752, 1754, 1755 u 1779-1791. Imbagħad insibu rendikont wieħed ta' l-Altar ta' San Feliċ li jiġbor fih is-snin 1727-1742, u reġistru finanzjarju tal-Konfraternità tar-Rużarju għas-snin 1779-1781.

## Il-*Veneranda Lampada*

Il-*Veneranda Lampada* kienet l-organizzazzjoni li, kif jgħid l-isem, kienet tieħu ħsieb id-devozzjonijiet lejn is-Sagrament u li żżommu dejjem mixgħul permezz tax-xama' jew żejt. Minħabba dan il-fatt u d-dmir li għalih inħolqot, ħadet dan l-isem. Iżda l-obbligi kienu aktar kbar, għaliex din l-istruttura reliġjuża spiċċat tonora dmirijiet fil-ħarsien u ż-żamma tal-Knisja Parrokkjali, inkluż ir-restawr, xogħlijiet u l-bini ġdid li sar minn żmien għal żmien fil-knisja. Din l-istruttura jew konfraternità kienet teżisti fil-knejjes parrokkjali kollha ta' Malta jew taħt dan l-isem, jew taħt l-isem tal-Konfraternità tas-Sagrament. Jidher li f'numru ta' parroċċi, saħansitra, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet żviluppaw differenti minn xulxin.

L-istudju tar-reġistri tal-*Veneranda Lampada* ta' Ħal Kirkop juri li din il-parroċċa żgħira kienet tagħmel dak kollu li kien possibbli ħalli l-funzjonijiet reliġjużi u l-apparat liturġiku jkun wieħed li jixraq id-dar ta' Alla. Hekk, jekk wieħed iħares lejn il-prokuraturi ta' din il-*Veneranda Lampada*, isib li dawn kienu dejjem nies li kellhom livell għoli ta' edukazzjoni, u bħalma kien jiġri f'parroċċi oħra, ġieli l-*Veneranda Lampada* kellha aktar minn prokuratur wieħed u, ukoll, il-prokuratur mhux dejjem kien qassis, iżda ġieli kien Kjerku u anke lajk. F'dan il-perjodu, il-Kjerċi kienu nies li setgħu anke jiżżewġu. Hekk, il-*Conto* tal-*Veneranda Lampada* għas-snin Jannar, 1723, sa Diċembru, 1728,[14] u ta' bejn l-1729 u l-1730,[15] jagħtu l-isem ta' Franġisku Camilleri bħala l-prokuratur. Dawk ta' bejn l-1733 u l-1736 isemmu lill-Kappillan Dun Vinċenz Muscat;[16] ta' bejn is-snin 1736 u 1737 jindikaw l-isem ta' Mastru Antonju Formosa,[17] u r-reġistru ta' bejn is-snin 1749 u 1752 isemmi lill-qassis

[14] A.A.M. *Conti*, Box C-113-114, Casal Chercop, *Ven(eranda) Lampada* 10 (1723-1728).

[15] A.A.M. *Ven. Lampada* 12 (1729-1730), f.7.

[16] A.A.M. *Ven. Lampada* 18 (1733-1736).

[17] A.A.M. *Ven. Lampada* 19 (1736 –1737).

Dun Indrì Ellul u l-Kjerku Lawrenz Chircop[18] bħala prokuraturi. Il-*Conto* tas-sena 1752 sar minn Lawrenz Chircop.[19]

Il-*Veneranda Lampada* ta' Ħal Kirkop, bħal *Venerande Lampade* oħra, kienet iddaħħal il-flus minn ċedoli msejħa "*Censi Bollali*", u flus oħra mħollija lilha minn devoti tas-Sagrament minn Ħal Kirkop. Din il-bolla kienet toħroġ minn Ruma u kienet tinxtara u sservi speċi ta' bond ta' llum. Il-karti ta' *bolle* jew ċedoli kienu jissejħu "*partita*" li minnha ħarġet il-kelma "partita" flus jew "dejn" b'referenza għal dan it-tip ta' bolli jew ċedoli. Kellha wkoll dħul fis-sena jew, kif imsejħa bit-Taljan, "*annualità*" minn kapitali investiti. Dan il-kapital kien investiment kemm fi flus kif ukoll f'proprjetajiet. Kellha dħul ukoll minn beni stabbli ta' artijiet jew "*clausure*" bħalma kienet biċċa art f' Ta' Ħabel Mula. Hi kienet tinstab bejn il-Gudja u Ħal Kirkop. Din kienet tiġi mogħtija b'ċens enfitewtu. Biċċa art oħra proprjetà tal-*Veneranda Lampada* f'dan il-perjodu kienet f' Ta' Lanfar ġo Ħal Kirkop stess.[20] Dħul ieħor kien ġej minn legati jew għotjiet bħalma huma tiġieġ, xama' u offerti oħra, jew permezz ta' atti ta' karità jew ġbir, kif ukoll minn pizijiet fuq altari.

Is-sistema ta' l-*accounts* kienet waħda tajba ħafna, ibbażata fuq is-sistema ta' *debt* u *credit*, u ssegwi l-prattiċi moderni ta' *book-keeping* li għadhom jintużaw sa llum. Allavolja żgħir, Ħal Kirkop kien juża sistemi li ssibhom użati mill-parroċċi kbar u dawk ta' l-ibliet. Kull ktieb ta' l-*accounts* tal-*Veneranda Lampada* kien jagħlaq bil-preżentazzjoni ta' *balance sheet*, bil-lista tad-dħul u ħruġ, kif ukoll indikazzjoni ċara jekk is-sena għalqietx bi żbilanċ jew bilanċ. Kienu jingħataw ukoll l-ammonti. Fuq ix-xellug, kien jitniżżel id-dħul jew, kif inhu magħruf fid-dinja ta' l-*accounts*, bħala *debt*, u fuq il-lemin tal-paġna kien jitniżżel il-ħruġ jew *credit*, eżattament kif isir illum f'dik li hija regula bażika tal-*book-keeping*. Din is-sistema nsibuha użata f'kull ktieb tal-*Veneranda Lampada*.

Li hu ta' interess ukoll hu l-fatt li fil-kotba kollha studjati, ħlief għal dak tas-snin 1723 sa 1728, il-Parroċċa ta' Ħal Kirkop kellha aktar ħruġ milli dħul. Is-sena jew snin finanzjarji dejjem għalqu b'telf. Hawn wieħed jista' jgħid li l-parroċċa kienet qed tagħmel ħafna aktar infieq milli kienet qed iddaħħal.

[18] A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752).

[19] A.A.M. *Ven. Lampada* 21 (1752). Fuq dan Dun Lawrenz Chircop, ara H.C.R. Vella, *Żewġ iskrizzjonijiet antiki f'Ħal Kirkop: 1726 / 1754*, u K. Cassar, *Il-Pittura f'Ħal Kirkop*, iktar 'l isfel.

[20] A.A.M. *Ven. Lampada* 12 (1729-1730), f.7.

Il-prokuratur jidher li kien qed jieħu vantaġġ ta' l-inflazzjoni: biex inaqqas l-ispiża, bħala riżultat ta' l-iżbilanċ, ried imexxi fuq is-snin ta' wara. Għalhekk, wieħed jissuspetta li kien qed isir dejjem aktar infieq apposta, u l-prokuraturi kienu joqogħdu attenti li dejjem jonfqu ftit aktar milli jdaħħlu. Infatti, l-iżbilanċ kien dejjem wieħed żgħir ta' ftit skudi. Hekk, biex nagħti ftit eżempji, fis-snin finanzjarji ta' 1746-1747, l-iżbilanċ kien dak ta' 20 skud, 11 tarì u 10 grani.[21] Id-dħul kien ta' 88 skud, 10 tarì u 19-il grana. Bejn is-snin 1749-1752,[22] l-iżbilanċ kien ta' 79 skud u 18-il tarì. Il-ħruġ kien ta' 273 skud, 5 tarì u 5 grani, waqt li għas-snin 1746-1749 kien ta' skud, 4 tarì u grana.[23]

Min-naħa l-oħra, il-prokuraturi kellhom ukoll x'juru għall-infieq tagħhom, u dan l-iżbilanċ kien qed jirriżulta anke mill-fatt li prokuraturi kienu qed jinvestu flus f'affarijiet artistiċi li setgħu jintużaw fil-funzjonijiet liturġiċi tal-knisja. Għalhekk, dawn il-funzjonijiet kienu qed isiru b'mod xieraq u tajjeb, iġifieri, bid-dekor kollu bħalma kien isir fl-ibliet. Il-prokuraturi ma ddejqux jinvestu f'opri artistiċi ħalli jsebbħu t-tempju tagħhom.

Il-ħruġ ewlieni għall-*Veneranda Lampada* kien fuq infieq ta' xama', żejt jew quddies. Dan l-infieq kien jieħu priorità, kif inhu xieraq, fuq infieq ieħor. Wara, kien jiġi l-infieq għall-festi liturġiċi ta' matul is-sena. Festi magħmula bil-kbir kienu dawk taċ-Ċirkonċiżżjoni ta' Kristu jew, kif inhi aktar 'il quddiem magħrufa, bħala "tal-Kandlora" u "ta' San Ġużepp" (li kienet tiġi ċċelebrata fit-19 ta' Marzu, bil-kant tal-Għasar). Festa kbira oħra kienet dik ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija li fis-snin 1746 u 1747 saret bis-sehem ta' soprano, alto, tenur u baxx u bil-kant tal-Għasar. Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata f'dati differenti. Fis-sena 1746, ġiet iċċelebrata fil-15 ta' Lulju,[24] u fis-sena ta' wara fl-10 ta' Settembru.[25] Anke l-festa f'ġieħ l-Isem ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi kienet issir fi żminijiet differenti skond is-sena partikulari. Ħal Kirkop kellu u għad għandu sotto-kwadru ddedikat lilhom. Fis-sena 1747, il-festa f'ġiehhom saret fid-19 ta' Novembru.[26] Fis-sena 1753 saret fil-21 ta' Ottubru. Festa oħra li kienet iċċelebrata bil-kbir kienet dik tal-Madonna tar-

21 A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747).

22 A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752).

23 A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749).

24 A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.28.

25 A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747), f.25.

26 A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747), f.25.

Rużarju. Ma' din il-festa kien hemm marbut legat mħolli mill-ex-Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Duminku Ellul.[27] Il-festa tar-Rużarju kompliet tikber b'għajnuna ta' fondi oħra.[28]

Jekk wieħed iħares lejn dawn il-festi liturġiċi, wieħed jinduna li ċerti devozzjonijiet u żviluppi li seħħew f'Ħal Kirkop fis-seklu ta' wara, iġifieri, il-festa f'ġieħ San Ġużepp, għandha għeruq aktar fondi li jmorru żgur sas-seklu tmintax. Għall-inqas matul is-sena, San Ġużepp kellu żewġ festi liturġiċi importanti ċċelebrati f'dan ir-raħal.

Il-*Veneranda Lampada* kienet ukoll tikkontribwixxi għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festività ta' Ħal Balzan. Il-kontribuzzjoni kienet tmur prinċipalment għall-ħlasijiet taż-żejt tal-festa.[29] Fuq kollox, il-*Veneranda Lampada* kienet tikkontribwixxi bil-kbir għall-festa f'ġieħ il-patrun tal-knisja, San Leonardu. Il-ħlasijiet li kienu jsiru għall-festa nsibuhom fl-aħħar taqsima ta' l-infiq, taħt it-titlu ta' "infiq differenti". Taħt dan it-titlu jidħol ukoll infiq ieħor li kien isir matul is-sena fuq l-infrastruttura tal-knisja.

L-infiq rikorrenti in konnessjoni mal-festa ta' San Leonardu li jikkonċerna lill-*Veneranda Lampada* kien imur għax-xiri[30] u kiri ta' damask u tapezzerija biex tiżżejjen il-knisja.[31] It-tappezzerija kienet tinkera anke f'festi oħra. Din kienet prassi komuni f'dawn iż-żminijiet, u ma kinitx isseħħ biss f'Ħal Kirkop jew irħula żgħar oħra, iżda wkoll fi knejjes ikbar u aktar sinjuri ta' l-ibliet. Bħalma kien jiġri fi knejjes ta' l-ibliet, il-knisja kienet tħallas għal ġarr ta' l-istatwa ta' San Leonardu waqt il-purċissjoni tal-festa.[32] Fir-reġistru tas-snin 1746-1749, insibu ħlasijiet għal priedka li saret nhar il-festa, kif ukoll għal kiri ta' orgni għal waqt il-funzjonijiet. Fl-1749, il-kirja ta' l-orgni kienet qamet 9 tarì.[33] Fis-sena ta' wara, il-ħlas tal-kiri ta' l-orgni kien tela' għal skud u tarì wieħed.[34] Kien ukoll matul dan il-perjodu li ġiet ordnata l-ewwel statwa

[27] A.A.M. *Ven. Lampada* 22 (1752-1754), f.28.

[28] A.A.M. *Ven. Lampada* 22 (1752-1754), f.28.

[29] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.28.

[30] A.A.M. *Ven. Lampada* 10 (1723-1728), f.23.

[31] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.30; 10 (1723-1728), f.30; 14 (1746-1747), f.27; 14 (1746-1747), f.28; 16 (1749-1752), f.40; 21 (1752), f.29; 15 (1746-1749), f.28.

[32] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.37.

[33] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.31.

[34] A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.39.

ta' San Leonardu. Fl-1749, kienet kważi lesta minn kollox, għax kien sar il-ħlas biex tinġib fil-knisja.[35] F'sena ta' wara sar l-aħħar ħlas ta' skud lill-iskultur talli l-istatwa kienet lesta minn kollox.[36]

Ħlasijiet oħra li nsibu magħmula mill-*Veneranda Lampada* kienu konnessi man-nar tal-festa ta' San Leonardu. Hekk insibu li fis-sena 1751 kienet saret luminarja jew mixugħla bil-fjakkoli waqt li kienu nxtraw il-maskli għan-nar.[37] Ħlasijiet għall-polvri tan-nar tal-festa, il-maskli li kienu jintużaw biex minnhom kien ikun sparat in-nar, kif ukoll ħlas ieħor bħalma kien l-inċens, mużika fil-knisja u għat-trasport ta' l-orgni[38] u dak tal-mużiċisti,[39] kien ikun imħallas mill-*Veneranda Lampada*. Hawn wieħed ma jistax ma jagħlaqx din il-parti dwar il-festa u ma jgħidx li l-kult reliġjuż bl-istatwi, li sa ftit għixieren qabel kien assoċjat l-aktar ma' l-ibliet jew parroċċi importanti tal-kampanja, kien anke issa laħaq u ddaħħal anke f'dan ir-raħal żgħir bħal Ħal Kirkop.

## Il-Kwadru Titulari, il-Qniepen, u Opri Artistiċi oħra

Fuq quddiemnett ta' l-opri artistiċi li saru f'Ħal Kirkop matul is-seklu tmintax insibu il-kwadru titulari u l-qniepen tal-knisja. Kien żmien meta f'ħafna knejjes Maltin, kemm tal-kampanja kif ukoll f'ta' l-ibliet, kien qed ikun mibdul l-kwadru tat-titular. Il-Koppin ma ridux ikunu inqas minn ħaddieħor, u huma wkoll daħlu għal din l-opra u ordnaw kwadru ġdid. Il-ħlasijiet tax-xogħol ta' dan il-kwadru u l-ġarr tiegħu għall-knisja ġew imħallsa kollha mill-*Veneranda Lampada*. Nafu li l-kwadru kien lest fl-1751, għax f'dik is-sena nsibu li kien inġarr fil-knisja u tħallset is-somma ta' 7 tarì għat-trasport tiegħu.[40] Iżda jidher li dan ix-xogħol kien ġab xi tiżgwid. Li hu żgur hu li l-ħlas għalih baqa' jkarkar fuq is-snin ta' wara għax l-artist baqa' ma tħallasx kompletament ta' xogħlu. Kien biss fis-sena 1754 li fl-aħħar irċieva l-aħħar ħlas. Il-kwadru titulari kien qam 29 skud u 15-il grana.[41]

35 A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.32.
36 A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.39.
37 A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.40.
38 A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.27.
39 A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747), f.28.
40 A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.40.
41 A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.26.

Jidher li din il-biċċa xogħol ġabet magħha wkoll kontroversja għaliex kien hemm min ipprova jabbuża u jżid l-ispejjeż għalxejn billi jinkludi riċevuti ta' ħlasijiet għal xogħol li fil-verità qatt ma kien sar. Ir-reviżuri tal-kontijiet tal-Kurja kienu oġġezzjonaw għal xi riċevuti konnessi ma' dan ix-xogħol u qiesuhom bħala riċevuti foloz. Wara ċertu ħlasijiet konnessi mal-kwadru mniżżla fil-ktieb tal-kontijiet, hemm riċevuta għall-ħlas lil ċertu Maruzzu Psaila u li ġġib is-somma ta' 10 skud, 8 tarì u 13-il grana. Dan il-ħlas kien qed jintalab in konnessjoni mal-kwadru, iżda kien ġie mitqies mir-reviżuri tal-kontijiet bħala wieħed invalidu għaliex l-irċevuta tiegħu sabuha falza.[42] Kien dan Maruzzu Psaila l-pittur ta' dan il-kwadru?[43] Hemm ukoll riċevuta oħra in konnessjoni ma' dan il-kwadru li wkoll ġiet rifjutata, iġifieri, il-ħlasijiet li saru "*per un'attestato fatto per il quadro* ta' 4 tarì". Din ukoll ma tqisitx valida.[44]

Opri oħra imporanti li nsibu f'dawn il-kotba tal-*Veneranda Lampada* tas-seklu tmintax jittrattaw ix-xiri ta' qniepen. Infatti, matul is-seklu tmintax, Ħal Kirkop beda jkun mogħni b'numru ta' qniepen ġodda. Dawn il-qniepen bdew jinxtraw wara li, xi ftit tas-snin qabel, kien għadu kemm spiċċa t-tkabbir tal-knisja u aġġunzjoni ta' żewġ kampnari fuq il-faċċata. L-ewwel qanpiena ġdida li nsibu fil-kotba kienet dik mixtrija fis-sena 1735. Il-fundur kien ċertu Sinjur Luigi u tħallas 10 skud u 8 tarì.[45] Il-qanpiena tqegħdet f'postha fix-xahar ta' April tas-sena ta' wara.[46]

Il-kotba tas-snin 1746-1747 jinkludu l-ispejjeż għax-xiri ta' ħabel għal-qanpiena l-ġdida.[47] Fis-sena 1752, saru qniepen ġodda oħra. Il-ħlas għalihom sar bin-nifs, f'dik is-sena, u l-fundur tħallas is-somma ta' 56 skud.[48] Fis-sena ta' wara saru aktar ħlasijiet, din id-darba ta' 15-il skud lill-fundur għall-qniepen.[49] Il-kotba għas-snin 1754-1755 ikomplu juru aktar ħlas lill-fundur għall-qniepen. Din id-darba tħallas is-somma ta' 16-il skud, 4 tarì u 12-il gran.[50] M'hemmx dubju li fl-1752 kienu saru sett sħiħ ta' qniepen.

[42] A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.26.

[43] Fuq l-identifikazzjoni ta' min pitter il-kwadru titulari ta' San Leonardu fil-Knisja Parrokkjali f'Ħal Kirkop, ara K. Cassar, *Il-pittura f'Ħal Kirkop*, iktar 'l isfel.

[44] A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.28.

[45] A.A.M. *Ven. Lampada* 19 (1736-1737), f.24.

[46] A.A.M. *Ven. Lampada* 19 (1736-1737), f.24.

[47] A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747).

[48] A.A.M. *Ven. Lampada* 21 (1752), f.28.

[49] A.A.M. *Ven. Lampada* 22 (1752-1754), f.32.

[50] A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.26.

Il-parroċċa kienet ukoll tagħmel spejjeż oħra bħalma kienu dawk ta' induratura ta' affarijiet sagri bħal pissidijiet u sferi reliġjużi,[51] u xi kalċi tal-fidda ġieli ġie indurat bid-deheb ukoll.[52] Matul is-snin 1746 u 1749, ġie rranġat il-presbiterju u msebbħa l-gallarija ta' l-orgni u nfetaħ bieb għas-sagristija, kif ukoll sar leġiju ġdid ta' l-epistola jew, kif magħruf illum, bħala "l-ambone".[53] Matul is-sena ta' 1749, ġie wkoll irranġat u msebbaħ il-fonti tal-magħmudija u saret ċavetta ġdida għalih[54] u nxtara *libro battezimale*, jew ir-reġistru fejn jinkitbu l-magħmudijiet.[55] Imbagħad, fis-sena 1751, inxtraw sett ta' sitt kandlieri kbar indurati għall-Altar Maġġur bil-prezz ta' 16-il skud u 8 tarì, u magħhom inxtraw ukoll set ta' fjuretti għall-prezz ta' 5 skudi.[56] Il-ħlas tal-kandlieri kien ikopri biss l-injam. Minħabba nuqqas ta' fondi, l-induratura tal-gandlieri kienet tħalliet għas-sena ta' wara u qamet 10 skudi u 10 tarì. F'dik is-sena kienet saret ukoll sedja ġdida.[57] Xogħol ta' importanza artistika sar fis-sena 1754 minn Maruzzu Portelli. Portelli tħallas is-somma konsiderevoli għal dak iż-żmien ta' 45 skud biex sar is-salib tal-kleru.[58] Is-sena ta' wara, l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop żanżnet żewġ standardi ġodda. L-ewwel wieħed kien għall-Fratellanza tas-Sagrament, u l-ieħor għal tar-Rużarju. Ix-xogħol għamlu Mastru Karlu.[59]

Fiċ-ċokon tiegħu, ir-raħal ta' Ħal Kirkop kien joffri ċertu servizzi lill-mexxeja reliġjużi tiegħu. Il-kappillan kellu d-dar tiegħu, u l-ispejjeż li kienu jsiru fiha kienu jitħallsu mill-*Veneranda Lampada*. Hekk insibu li kien sar xogħol ta' paviment u l-introduzzjoni ta' serratura għas-sigurtà f'dan ir-raħal kwiet tal-kampanja.[60] Aktar xogħol insibu li sar fuq l-istess dar fl-1748, meta saru ħlasijiet biex tkun irranġata t-terrazza ta' din id-dar.[61] F'dan il-perjodu wkoll

[51] A.A.M. *Ven. Lampada* 10 (1723-1728), f.23.

[52] A.A.M. *Ven. Lampada* 12 (1729-1730), f.19.

[53] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.29.

[54] A.A.M. *Ven. Lampada* 19 (1736-1737), f.31.

[55] Fil-fatt, it-tieni reġistru tal-magħmudijiet jibda bis-sena 1750.

[56] A.A.M. *Ven. Lampada* 16 (1749-1752), f.41.

[57] A.A.M. *Ven. Lampada* 22 (1752-1754), f.30.

[58] A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.26.

[59] A.A.M. *Ven. Lampada* 24 (1754-1755), f.29.

[60] A.A.M. *Ven. Lampada* 14 (1746-1747), f.26.

[61] A.A.M. *Ven. Lampada* 15 (1746-1749), f.28.

insibu li Ħal Kirkop kellu ukoll ċimiterju. Dan il-lok kien jinżamm b'għożża, u l-*Veneranda Lampada* ġieli ħallset għall-manutenzjoni ta' dan iċ-ċimiterju.[62]

## Il-Konfraternità ta' l-Agunija u Konfraternitajiet Oħra

Il-Konfraternità ta' l-Agunija kienet l-aktar istituzzjoni importanti fir-raħal fis-seklu tmintax f'termini ta' assoċjazzjoni ta' residenti. Hi kienet tiġbor fiha nies lajċi, imsejħa fir-reġistri bħala "*fratelli*" u "*consorelle*". L-iskop tagħha kien li tassisti l-moribondi fis-siegħa tal-mewt tagħhom. Wieħed irid jiftakar li, f'dan il-perjodu, il-mewt kienet ħafna drabi vjolenta. Il-moribond kien jgħaddi minn passjoni jew agunija twila u ta' tbatija qabel ma jmut mingħajr ma kellu dik l-għajnuna medika, li x-xjenza moderna tagħti biex ittaffi l-uġiegħ li huwa assoċjat ma' mard gravi li jwassal għal tmiem il-ħajja. Għalhekk, sakemm dan il-mument kien jasal, kien qed iwassal għal biża', u din il-biża' kienet qed tittaffa b'riċerka ta' assistenza spiritwali. Minħabba li l-mewt, kontra dak li jiġri llum, kienet isseħħ fid-dar, din it-tbatija kienet viżibbli minn kulħadd. Dan wassal lin-nies li bdew iffittxu li jidħlu ġo xi forma ta' solidarjetà biex ikunu ta' assistenza, l-aktar spiritwali, lejn il-moribond. Għalhekk, kien jingħad talb għal persuni agunizzanti, membri ta' din il-Konfraternità, kif ukoll quddies għal ruħ il-membri li jmutu.

Il-Konfraternità kellha d-dħul tagħha li, bħal fil-każ tal-*Veneranda Lampada*, kien jiġi minn investimenti f'ċensi bollali[63] kif ukoll f'*bonds* ta' l-*Università dei Grani* tal-Belt. Dan kien qed iwassal għal dħul minn interessi fis-sena jew annwalità.[64] Kien hemm ukoll *beni stabili*, b'mod partikulari klawsura magħrufa f'numru ta' dokumenti bħala "tal-bus"[65] fil-Bajja ta' Birżebbuġa. Aktar 'il quddiem, din il-kontrada tibda tissejjaħ bħala "tal-bax".[66] Dħul ieħor kien jiġi mill-ħlas tal-annwalità mill-membri irġiel u nisa tagħha.[67] Kien hemm dħul ieħor minn *lasciti mortuarii*, magħrufa bħala "ta' l-agunija", jew minn flus mogħtija mill-agunizzanti fis-siegħa tal-mewt.[68]

[62] A.A.M. *Ven. Lampada* 10 (1723-1728), f.32. Nota ta' l-editur: x'aktarx li ċ-ċimiterju kien dak li kien hemm mal-knisja filjali ta' San Nikola.

[63] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf(raternità) Agonia* 20 (1740-1743), f.6.

[64] A.A.M. *Conf. Agonia* 26 (1779-1781), f.3.

[65] A.A.M. *Conf. Agonia* 13 (1743-1752), f.11.

[66] A.A.M. *Conf. Agonia* 13 (1743-1752), ff.1, 11; 23 (1754-1755), f.10.

[67] A.A.M. *Conf. Agonia* 23 (1754-1755), ff.5-9.

[68] A.A.M. *Conf. Agonia* 18 (1733-1737), f.12.

Il-ħruġ kien prinċipalment f'quddies,[69] xiri ta' xama',[70] żejt u ħlasijiet għas servizz tas-sagristan,[71] u għat-talb jew l-*ore* ta' l-agunija.[72] Il-Fratellanz kienet tagħmel il-festa tas-Salib li kienet issir fit-3 ta' Mejju, u ġieli ank għamlet dik ta' Settembru bħalma kien il-każ fl-1734.[73]

Il-Fratellanza kienet ukoll responsabbli għal xogħlijiet fil-knisja, speċjalmer fuq l-altar tagħha. Hekk, fis-sena 1734, Mastru Xmun Buttigieg tħallas is somma ta' skud u 6 tarì għal kwadru ġdid ta' altar,[74] waqt li fl-1746 inxtar lampier tar-ramm isfar,[75] u fl-1748 sar *scannello*, jew mensola ta' l-injarr għall-altar. F'dik l-istess sena, is-Sodalità ta' l-Agunija ħallset għall-kwadr ta' San Ġużepp, li sewa 2 skudi u 6 tarì.[76] Min-naħa tagħha, din il Konfraternità kien jirnexxilha tagħlaq, kważi dejjem, is-snin finanzjarji tagħh b'bilanċ favorevoli.

Fl-Arkivju tal-Kurja hemm ukoll żewġ kotba oħra, wieħed ta' l-Altar ta' Sa Feliċ għas-snin 1727-1742,[77] u ieħor tal-Konfraternità tar-Rużarju għas-sni 1779-1781.[78] Dawn ir-reġistri jkomplu jagħtu dawl fuq il-ħajja fil-parroċċ matul is-seklu tmintax. Hekk, l-Altar ta' San Feliċ kellu, fost l-oħrajn, dħu minn biċċa art magħrufa bħala "*clausura* tal-Bur" fil-limiti tan-Nigret. Mi renti ta' dan l-altar kienu jsiru żewġ festi: dik tal-qaddis, San Feliċ,[79] u wkol dik tad-Duluri jew, kif imsejħa, "*dei Dolori della S. Vergine*". Il-Konfraternit tar-Rużarju tistabbilixxi ruħha sew fit-tieni nofs tas-seklu tmintax u tispiċċ proprjetarja ta' ċensi bollali kif ukoll annwalitajiet oħra. Saħanistra, takkwist klawsura f'*Wued il Mosta*,[80] u *beni stabili* ġo Ħal Kirkop stess f'post magħru bħala "Ta' Saliba".[81] M'hemmx dubju, il-festa prinċipali ta' din il-Fratellanz

[69] A.A.M. *Conf. Agonia* 26 (1779-1781), f.10.
[70] A.A.M. *Conf. Agonia* 18 (1733-1737), f.37.
[71] A.A.M. *Conf. Agonia* 20 (1740-1743).
[72] A.A.M. *Conf. Agonia* 18 (1733-1737), f.37.
[73] A.A.M. *Conf. Agonia* 26 (1779-1781), f.40.
[74] A.A.M. *Conf. Agonia* 18 (1733-1737).
[75] A.A.M. *Conf. Agonia* 13 (1743-1752), f.31.
[76] A.A.M. *Conf. Agonia* 13 (1743-1752), f.39.
[77] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Altare San Felice* 11 (1727-1742).
[78] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781).
[79] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Altare San Felice* 11 (1727-1742), f.1.
[80] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.7.
[81] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.7.

kienet dik tal-Madonna tar-Rużarju,[82] iżda wkoll kienet tieħu sehem fil-Festa ta' San Leonardu u dik ta' San Girgor. Fatt partikulari li joħroġ mill-ktieb ta' d-dħul hu dak li, matul dawn il-purċissjonijiet, il-Fratelli kienu jorganizzaw ġbir.[83]

## Mill-Viżti Pastorali

Jekk wieħed iħares lejn sors ieħor li jitfa' dawl fuq il-ħajja reliġjuża ġo Ħal Kirkop, iġifieri, dak tal-Viżti Pastorali, u jistudja dawn id-dokumenti biex isir jaf aktar kif ir-reliġjon kienet qed tinfluixxi fuq il-ħajja tan-nies ta' dan ir-raħal, isib għal darba oħra li d-devozzjonijiet kienu qed ikunu affettwati minn mudelli li wieħed kien isib ġo l-ibliet u rħula kbar, u li n-nies ta' dan ir-raħal ma naqsux milli jaddottawhom fl-istess żmien meta dawn id-devozzjonijiet ġodda kienu qed jilħqu lill-irħula.

Hekk meta Ħal Kirkop kien fl-għatba tas-seklu tmintax, kellu Knisja Parrokkjali li kienet skond kif jitlob ir-Rit Tridentin, li kien iddaħħal kważi kważi mija u ħamsin sena qabel. Il-knisja kienet f'għamla ta' salib Latin, iġifieri, salib li kellu tlieta mill-ponot tiegħu indaqs, waqt li dik t'isfel kienet id-doppju tal-qies ta' waħda minn dawn it-tliet ponot. Fis-seklu tmintax, l-għamla tal-knisja ssir kif għadu jidher sa llum. Kellha Altar Maġġur, altar ieħor fil-Kor, li fuqu kienu jsiru numru ta' festi, fosthom dik taċ-Ċirkonċiżżjoni ta' Kristu (2 ta' Frar), ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu, u ta' l-Isem ta' Kristu, Marija u San Ġużepp. Fuq dan l-altar kien hemm ikona żgħira li tirrappreżenta dawn il-qaddisin.[84] Kif rajna, kienet is-Sodalità ta' l-Agunija li ħolqot f'Ħal Kirkop kwadru ġdid iddedikat esklussivament lil dan il-qaddis.

Il-kappelluni kienu ddominati minn żewġ altari. L-ewwel wieħed kien iddedikat lil San Ġakbu.[85] Fl-ieħor kien hemm (u għad hemm) l-Altar tal-Madonna tar-Rużarju, li magħha kien hemm marbuta l-Konfraternità tar-Rużarju, li ġiet imwaqqfa, skond waħda mill-viżti, fl-1596.[86] Altari oħra fil-

[82] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.14.

[83] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.13.

[84] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.888.

[85] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.888.

[86] A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.889.

knisja kienu l-Altar tal-Madonna tal-Grazzja u l-Altar ta' Santa Anastasja. Marbut ma' dan l-altar kien hemm il-festa ta' San Feliċ. Dan il-qaddis kien rappreżentat permezz ta' sotto-kwadru li juri lilu mal-Qaddis Titulari tal-parroċċa.[87] Żewġ altari oħra f'din il-knisja kienu ta' l-Assunta[88] u tal-Kurċifiss. Ma' dan l-altar kien hemm marbuta l-Sodalità ta' l-Agunija.[89]

L-istess jista' jingħad għall-affarijiet użati għas-servizzi reliġjużi. Dawn kienu jikkumplimentaw affarijiet simili bħala li wieħed kien isib f'postijiet u knejjes ikbar, bid-differenza li hawn in-numru ta' dawn l-affarijiet kien ħafna iżgħar. Skond inventarju li sar fl-1725 ta' l-affarijiet kollha li kellha l-knisja, u li kien jinkludi sa l-inqas dettal, insibu li anke kellha oġġetti tal-fidda għas-servizz reliġjuż, bħalma hu ċensier u navetta tal-fidda. Kellha wkoll żewġ standardi, wieħed bix-xbieha ta' San Leonardu, u ieħor aħmar b'salib fuqu.[90] Min-naħa tagħha, l-Konfraternità ta' Rużarju kellha wkoll l-istandard li kien sar fl-1707. Kienet tippossjedi ieħor antik li kien ta' lewn ħadrani. F'dan iż-żmien, din il-Konfraternità kien għad ma kellhiex l-istatwa.[91] Insibu li l-knisja kellha baldakkin u l-karti hekk msejħin "tal-glorja" li kienu jintramaw fuq l-altari. Kien hemm ukoll l-affarijiet għall-quddies, bħalma huma kalċijiet, żewġ pissidi u affarijiet oħra tal-fidda, lampier tar-ram isfar u l-ilbies reliġjuż. F'dan l-inventarju ma tissemmiex statwa. Minn dokumentazzjoni oħra riprodotta anke f'dan il-Kapitlu, l-ewwel statwa titulari tinxtara fin-nofs tas-seklu tmintax.

Permezz ta' dan l-inventarju nafu wkoll li l-knisja kienet għadha, fl-1725, b'kampnar wieħed li fih kellu żewġt iqniepen. Il-kbira kienet tiżen tliet iqnatar u l-oħra kienet ta' tletin ratal. Il-Koppin xtaqu li l-knisja tagħhom tidher bħall-knejjes kbar li bdew tiegħlin fl-ibliet, iġifieri, li jkollhom faċċata b'żewġ kampnari. Dan kien mudell li wieħed isibu użat fi knejjes oħra, anke f'dawk tal-kampanja. Matul is-seklu tmintax, dan l-istil żied fil-popolarità tiegħu. Meta l-Isqof Alferan De Bussan żar Ħal Kirkop fl-1737, kiteb li l-kampnari kienu għadhom kif ġew mibnija ftit qabel.[92]

87 A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.891.

88 A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.893.

89 A.A.M. *Conti* C-113-114, Casal Chercop, *Conf. S. Rosario* 25 (1779-1781), f.892.

90 A.A.M. *Inventario Chircop* 7, f.56.

91 A.A.M. *Inventario Chircop* 7, f.60.

92 A.A.M., *Visit. Past.* 33, f.894. Nota ta' l-editur: wieħed jistaqsi hawn kif fl-1725 il-faċċata seta' kellha kampnar wieħed meta l-istess faċċata tlestiet fl-1706. Forsi ż-żewġ kampnari tlestew fl-1706, u sa l-1725 kien jiffunzjona kampnar wieħed.

Minkejja iċ-ċokon tiegħu, Ħal Kirkop kellu żewġ knejjes filjali żgħar fil-qalba tiegħu, u t-tnejn kienu użati għall-kult reliġjuż. Dawn iż-żewġ knejjes imsejħin "filjali" kienu ta' l-Annunzjata u l-oħra ta' San Nikola, Isqof.[93] F'mument minnhom, iġifieri fl-1789, jidher li l-Parroċċa f'Ħal Kirkop bdiet ukoll tħares lejn il-konfini tagħha aktar bir-reqqa. Matul il-Viżta Pastorali li saret fl-10 ta' Novembru, 1789, mill-Isqof Labini, dan l-isqof jinkludi għall-ewwel darba żewġ knejjes oħra, li kienu knejjes fil-kampanja, bħala parti mill-Viżta tiegħu f'Ħal Kirkop. L-ewwel knisja li tissemma ma' din il-Viżta kienet dik iddedikata lill-Qaddisin Pietru u Katerina. It-tieni waħda kienet iddedikata lil San Blażju u San Mikiel Arkanġlu. Din ta' l-aħħar kienet deskritta mill-isqof bħala tinsab fuq il-fruntiera bejn l-Imqabba u Ħal Kirkop,[94] iżda l-fatt li kien qed jinkludiha mal-beni ta' Ħal Kirkop juri li dan l-isqof, minħabba raġunijiet pastorali, kien qed jippreferi li jassoċja lil dawn il-knejjes ma' dan ir-raħal.

Skond il-Viżti Pastorali tat-tieni nofs tas-seklu tmintax, ċertu devozzjonijiet u festi qodma bdew jitilfu l-popolarità tagħhom. Waħda minn dawn il-festi kienet dik lejn San Feliċ, qima lejn qaddis li kienet tant qawwija fis-seklu u snin ta' qabel. Hekk meta l-Isqof Pellerano żar Ħal Kirkop bħala parti mill-Viżta Pastorali tiegħu f'Mejju ta' l-1774, hu jinnota d-devozzjoni li kien hemm lejn dan il-qaddis. Id-devozzjoni lejh kienet ikkonċentrata fuq l-Altar ta' Santa Anastasja, Verġni u Martri. Fuq dan l-Altar kienet issir ukoll il-Festa ta' l-Assunta u festi oħra bħal ta' San Franġisk t'Assisi.[95]

Jidher li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis bdiet tonqos għax il-kult tiegħu ġie trasferit fuq l-Altar tal-Madonna tal-Grazzja, dejjem fl-istess knisja. Tant, li meta jerġa' iżur l-istess altar, ftit tas-snin wara, fid-9 ta' Novembru, 1787, is-suċċessur ta' Pellerano, iġifieri, l-Isqof Vincenzo Labini, isibu mhux addattat għall-kult reliġjuż u jipprofana l-Altar tal-Grazzja kif ukoll il-kult lejn S. Feliċ minħabba li nstab miżmum mhux kif suppost.[96] Meta, sentejn wara, l-istess isqof jerġa' jżur il-parroċċa bħala parti mill-Viżta Pastorali tiegħu, hu jerġa' iġedded dan id-digriet minħabba li l-altar kien għadu jonqsu affarijiet sagri.[97] L-istess isqof jerġa' iżur Ħal Kirkop sentejn wara, iġifieri,

[93] A.A.M., *Visit. Past.* 33, ff.894-895.

[94] A.A.M. *Visit. Past.* 43, f.86v.

[95] A.A.M. *Visit. Past.* 38, ff.677v.-678.

[96] A.A.M. *Visit. Past.* 42, f.105v.

[97] A.A.M. *Visit. Past.* 43, f.85v.

fl-1791. Għal darba oħra, hu żar l-Altar tal-Grazzja u li kien fih ukoll il-kult ta' San Feliċ, iżda dan kien instab fil-Viżta preċedenti bħala mhux mgħammar b'kollox, u kien ġie pprofanat. Matul din il-Viżta, ġie deċiż li dan jibda jintuża għall-kult ta' San Benedittu u l-Korp Sant tiegħu jitqiegħed fih.[98] Fi kliem ieħor, Ħal Kirkop jispiċċa jaddotta suriet ġodda ta' devozzjoni, din id-darba għal Korpi Santi li kienu ħadu spinta sew f'Malta, kif wera l-pijunier f'dan il-qasam ta' studju, il-mibki Patri Franġisku Azzopardi,[99] biex tissaħħaħ id-devozzjoni tal-fidili lejn Alla.

Barra minn dawn il-festi assoċjati ma' xi ġrajja staordinarja, bħall-wasla ta' xi Korp Sant, jew il-proċessjoni li ssir matul is-sena bħala parti mill-espressjoni ta' devozzjoni popolari, l-aktar avveniment importanti li kien iseħħ f'Ħal Kirkop kien meta xi dinjitarju importanti, bħall-isqof, l-inkwiżitur jew l-Gran Mastru, kien iżur dan ir-raħal. L-isqof kien iżuru minn żmien għal żmien bħala parti mid-dover tiegħu li jżur id-Djoċesi f'dik li hi magħrufa bħala l-Viżta Pastorali. Fis-seklu tmintax, l-isqfijiet kienu dejjem jużaw l-istess mudell. Il-Viżta f'Ħal Kirkop u fir-raħal ta' Ħal Safi kienet issir bħala parti mill-Viżta li l-istess isqof kien jagħmel fir-raħal taż-Żurrieq. Minħabba raġuni ta' trasport u kumdità, l-isqof kien jagħżel li, matul dan il-perjodu tal-Viżta tiegħu f'dawn l-inħawi, kien joqgħod għand il-kappillan fir-raħal taż-Żurrieq.[100] Imbagħad kien jinżel filgħodu, liebes l-ilbies kurjali tal-*cappa magna*. Hu kien jiġi milqugħ fit-tarf tar-raħal, u bil-*magna pompa* kollha, akkumpanjat taħt il-baldakkin,[101] kien jittieħed permezz ta' purċissjoni solenni sal-Knisja Parrokkjali.[102]

L-iżviluppi li seħħew fl-irħula, b'mod partikulari dawk kbar, speċjalment l-iżviluppi ekonomiċi u kulturali, wasslu biex dawk l-irħula mdaqqsa jingħataw it-titlu ta' belt, iġifieri, l-istat beda jirrikonoxxihom li kellhom fihom dawk il-karatteristiċi li wieħed jassoċja ma' bliet Maltin. Ħal Kirkop kien żgħir wisq biex jingħata dan it-titlu; biss, il-fatt li l-irħula l-kbar li jdawruh ħadu dan it-titlu juri l-iżviluppi kulturali u ekonomiċi li kienu seħħew f'dawn l-inħawi u d-dokumentazzjoni ekkleżjastika, speċjalment dik tas-seklu tmintax, tikkonferma dan l-iżvilupp, kif ukoll turi li l-Knisja f'dan ir-raħal, fiċ-ċokon

98 A.A.M. *Visit. Past.* 44, f.94.

99 F. Azzopardi (2002).

100 A.A.M. *Visit. Past.* 42, f.105v.

101 A.A.M. *Visit. Past.* 37, f.674.

102 A.A.M *Visit. Past.* 33, f.885.

tagħha, kienet promutur biex jikber u jiffjurixxi ekonomikament u wisq aktar kulturalment.

Kien f'dan l-istadju ta' żvilupp li t-truppi Franċiżi sabu lil Ħal Kirkop meta okkupa l-gżira nhar it-12 ta' Ġunju, 1798.

**Referenzi**


Azzopardi, F. (2002). *Id-devozzjoni lejn il-qaddisin u r-relikwi tagħhom : studju storiku-kritiku dwar Santa Barbara u Santa Liberata*. Malta.

Fiorini, S. (1983). "*Status animarum* I: a unique source for 17th and 18th century Maltese demography", *Melita historica* 8.4, Appendix Tables, 345.

Henry, L. (1967). *Manuel de demographique historique*.

Testa, J. (1980). *Aspects of Maltese family life. Parish of Porto Salvo 1600-1650* (Teżi tal-M.A. mhux ippubblikata). Imsida, Malta, Università ta' Malta.

Vella, H.C.R. ed. (1980). *The earliest description of Malta (Lyons 1536)*. Sliema, Malta, De Bono Enterprises.

Vella, H.C.R. (2000). *L-ewwel reġistru tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop: 1592-1679*. F'H.C.R. Vella, ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru. Vol. I*. Imsida, Malta, Stamperija ta' l-Università ta' Malta. 48-141.